



7.9.2015

0028/2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar il-bullying u l-vjolenza fl-iskejjel

**Filiz Hyusmenova (ALDE), Nathalie Griesbeck (ALDE), Angelika Mlinar (ALDE), Beatriz Becerra Basterrechea (ALDE), Antonio López-Istúriz White (PPE), Anna Maria Corazza Bildt (PPE), Teresa Jiménez-Becerril Barrio (PPE), Ismail Ertug (S&D), Miriam Dalli (S&D), Silvia Costa (S&D), Nessa Childers (S&D), Jana Žitňanská (ECR)**

Data ta' skadenza: 7.12.2015

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar il-bullying u l-vjolenza fl-iskejjel<sup>1</sup>**

1. It-tfal huma partikolarment vulnerabbi għall-vjolenza fīzika, sesswali u psikoloġika, inkluż it-theddid, il-kastig fīziku, il-bullying u l-bullying fuq l-internet, li jistgħu jipperikolaw serjament is-saħħha fīzika u mentali tagħhom.
2. Il-bullying u l-vjolenza fl-iskejjel spiss huma riżultat ta' kultura li tinnormalizza l-vjolenza, bħal f'każijiet ta' kkupjar ta' xejriet ta' mgħiba ta' adulti fil-familja jew fl-iskola, l-ispettakli tat-televiżjoni u l-logħob tal-kompjuter b'kontenut vjolenti, aggressjoni lejn it-tfal, u n-nuqqas ta' edukazzjoni b'tolleranza, li kollha jaffettwaw it-tkabbir personali tat-tfal u l-iżvilupp soċjali.
3. Il-Kunsill huwa għaldaqstant mistieden jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jieħdu azzjonijiet u miżuri xierqa sabiex jindirizzaw il-bullying u jintegrawhom bħala objettiv ta' priorità għas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni.
4. Il-Kunsill huwa mitlub jirrakkomanda li l-Istati Membri jikkoperaw u jiskambjaw tagħrif u esperjenza ma' xulxin, mal-korpi tal-UE u l-NGOs, bil-ġhan li jkun hemm strateġija aktar proattiva ta' komunikazzjoni u informazzjoni, li ssaħħa il-miżuri biex jiġi evitat il-bullying, il-bullying fuq l-internet u l-vjolenza fl-iskejjel, toħloq mekkaniżmi ta' ġbir ta' data u ta' monitoraġġ, u tipprovdi appoġġ xieraq lill-vittmi.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħha lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tīgi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħha lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.